MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## ANTHONY ELLUL

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2003

Talba Numru. 2952/2002

**Aquatess Limited**

**Vs**

**Salvu Dalli**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' mija u hames liri Maltin (Lm105) bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut giet debitament notifikat bl-avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Semgha lill-avukat Dr. Renato Cefai in rapprezentanza tas-socjeta attrici jikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba u li l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut thallas is-somma ta’ mija u hames liri Maltin (Lm105), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez [mhux inkluzi drittijiet legali] huma ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------